Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B, 16, Triq l-Iskola, Żabbar, ŻBR1371

**T** 21826682 21896343 **E** smc.zabbar.prb@ilearn.edu.mt

9 ta’ Marzu 2018

Għeżież Ġenituri

Kif tafu, it-tfal tar-Raba’ sena qed itellgħu *musical* għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni, nhar it-Tnejn 26 ta’ Marzu 2018. It-tfal ilhom jaħdmu bi ħġarhom mhux ħażin u żgur li ser tkun serata ta’ suċċess.

Dakinhar filgħodu l-iskola tispiċċa fil-ħdax. Filgħaxija, imbagħad, it-tfal huma mitluba jkunu l-iskola fil-ħamsa. L-għalliema ser ikunu qed jistennewhom fil-bieb tal-iskola. It-tfal iridu jiġu bil-kostum jew kif indikat lilhom mill-għalliema tal-klassi. Intom ġentilment mitluba tiġbru lit-tfal għal-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart (6.45pm).

Intom mistiedna taraw dan il-*musical,* hekk kif kien indikat qabel, **nhar it-Tlieta 27 ta’ Marzu 2018 fid-9.30 a.m.**

Waqt id-*dress rehearsal*, ser ikollna *photographer* professjonali jieħu r-ritratti. Intom tkunu tistgħu tordnaw ir-ritratti meta nerġgħu lura l-iskola f’April. Huwa importanti li waqt il-kunċert ħadd ma jqum minn postu.

**Wara l-vaganzi tal-Għid, l-iskola terġa’ tibda nhar il-Ġimgħa 6 ta’ April 2017.**

Sadanittant, xtaqt ukoll ninfurmakom li min ma setax jattendi għal-laqgħa dwar l-użu tat-tablets jista’ jattendi għal-laqgħa oħra li ħa ssir nhar it-Tnejn 12 ta’ Marzu fis-sitta ta’ filgħaxija fis-Sala tal-Iskola. **Min ġa attenda għal din il-laqgħa m’għandux għalfejn jerġa’ jattendi.**

Grazzi dejjem tal-kooperazzjoni tagħkom.

Inselli għalikom

Charlot Cassar
Kap tal-Iskola